**11 ta' Marzu, 1993**

**Imħalle: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Edward Mangion)

*versus*

Henry Rota

**Sentenza fl-assenza ta' l-Imputat – Appell ta' l-Avukat Ġenerali – Nullità tas-Sentenza**

*Fl-assenza ta' l-imputat il-Qorti ma tistax tippronunzja s-sentenza. L-imputat għandu jkun preżenti għas-smigħ tal-kawża u għal kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-kawża.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat talli fil-kapaċità tiegħu ta' *Employer* naqas li jibgħat fi żmien preskritt mil-liġi r-*returns* annwali li jikkonsistu f'Formula P3, P6 u P7 għas-snin 1982 sa 1987. B'hekk ma kkonfermax mar-regola 14 ta' l-Avviż Legali 79 ta' l-1979 dwar it-tnaqqis tat-taxxa *(PAYE)*;

Rat is-sentenza tat-18 ta' Mejju, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lliberat lill-imputat peress li kif qalet dik il-Qorti, "il-Prosekuzzjoni kellha żmien opportun tagħmel il-provi tagħha u ma għamlithomx";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li

din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza, u minflok, wara li tordna n-notifika lill-akkużat ta' l-akkuża u tisma' l-provi kollha tal-prosekuzzjoni, issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. Irriżulta li l-imputat qatt ma kien ġie nnotifikat bit-taħrika, u qatt ma kien ġie nġunt biex jidher quddiem l-ewwel Qorti. Effettivament, l-imputat qatt ma deher quddiem dik il-Qorti, l-anqas fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 1992 meta ġiet mogħtija s-sentenza appellata;

2. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ntqal f'dik is-sentenza, il-prosekuzzjoni ma kellhiex l-opportunità tipproduċi l-provi tagħha. Di fatti ma setgħetx iġġib provi fl-assenza ta' l-imputat. Inoltre, fl-assenza ta' l-imputat l-ewwel Qorti ma setgħetx, kif għamlet, tippronunzja s-sentenza. L-imputat għandu jkun preżenti għas-smigħ tal-kawża, u għal kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-kawża (artikoli 443(1)(2) u 525(1)(b) Kapitolu 9). L-ewwel sentenza hija għalhekk nulla u bla effett;

Għalhekk tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata, u tħalli l-kawża għat-trattazzjoni għas-6 ta' Mejju, 1993.